MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 303/2002/1

**Avviz Numru 303/02 AJD**
**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogate fid-drittijiet tal-assikurat tagha Francis Sammut abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip 'comprehensive' u tal-ligi u l-istess Francis Sammut**

**vs**

**Gordom Ogilvie**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Frtar, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u dsatax il-lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm319.95) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Francis Sammut u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici Fogg Insurance

Agencies Limited abbazi tal-polza tat-tip ‘comprehensive’, salv ghall-‘excess’ ta’ mitt lira Maltin (Lm100.00) imhallas mill-istess Francis Sammut, bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li sehh fis-16 ta’ Dicembru 2000 ghal habta tat-3.30am gewwa Borg Olivier Streeet, San Giljan, bejn il-vettura propjeta’ tal-attur Francis Sammut bin-numru tar-registrazzjoni CBE 671 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni GCO 001, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, mperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-4 ta’ Mejju 2001 u ta’ dik li qed tintbghat kontestwalment lis-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut Fenici Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta’ Middle Sea Insurance plc, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali tal-4 ta’ Mejju 2001 sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Ramona Frendo in rappresentanza tal-atturi, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ ta’ tlett mija u dsatax il-lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm319.95), bl-imghaxijiet kif mitluba

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta’ Mejju 2001 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**

**Gudikatur.**